# QORTI CIVILI MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**sbatax (17) ta' Novembru 2022**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1506/22/1**

**John sive Juanito Pullicino (ID 129267M)**
**u martu**
**Maryanne Pullicino (ID 496568M)**

**Vs**

**L-Awtorita' ta' l-Artijiet**
**u**
**WasteServ Malta Limited (C 30560)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ippre\żentat mir-rikorrenti konjuġi Pullicino fejn talbu lill-Qorti sabiex iżommu lill-intimati milli:

> *"Jagħmlu kwalunkwe xogħol ta' kostruzzjoni jew demolizzjoni jew tneħħija ta' ħamrija jew skavar f'raba u razzett miegħu imsejħa "Ta' l-Għoqod", fil-limti ta' Hammut, Magħtab, limiti ta' Naxxar, bin-numru ta' referenza ta' l-Awtorita' intimata J20163".*

Rat illi fl-4 ta' Novembru 2022 il-Qorti laqgħet it-talba provviżorjament u appuntatu għat-trattazzjoni għall-15 ta' Novembru 2022.

Rat illi fit-8 ta' Novembru 2022, is-soċjeta' intimata WasteServ Malta Ltd oġġezzjonat għal dak mitlub peress illi, fost affarijiet oħra, insistiet illi ma hijiex ser tittollera kwalunkwe tip ta' dewmien ulterjuri biex timplimenta proġett ikkawżati mir-rikorrenti filwaqt illi talbet lill-Qorti żżommu responsabbli għad-danni.

Rat illi fl-14 ta' Novembru 2022, l-Awtorita' tal-Artijiet oġġezzjonat għal dak mitlub fejn qalet, fost affarijiet oħra illi, l-kirja ta' l-art, illi kienet ġiet trasferita lill-Gvern bis-saħħa tal-Kap 358 u mgħoddi lilha mill-Uffiċċju Konġunt, kienet ġiet terminata b'dikjarazzjoni ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' Lulju 2020 u r-rikorrenti Pullicino kienu qed jokkupaw il-fond mingħajr ebda titolu.

Jirriżulta illi l-Awtorita' ta' l-Artijiet, wara l-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni fit-3 ta' Lulju 2020, kienet ipproċediet biex tipproċessa ordni ta' żgumbrament fil-konfront tar-rikorrenti Pullicino, sabiex dawna jivvakaw il-propjeta' meritu tal-Mandat odjern, minn liema ordni, madanakollu, ir-rikorrent appella quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva 82/2022 CG fl-ismijiet 'John Pullicino vs Awtorita' tal-Artijiet'.

Semgħet lir-Rappreżentant tal-Awtorita' tal-Artijiet, Joseph Sammut, jiddikjara, a tenur tal-Artiklu 873 (3) tal-Kap 12, illi l-Awtorita' ma kinetx ser tipproċedi b'ebda xogħolijiet sakemm tiġi deċiża l-kawża ntavolata mir-rikorrent quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

Semgħet lill-istess Rappreżentant tal-Awtorita' tal-Artijiet, Joseph Sammut, jiddikjara illi huwa taw struzzjonijiet lis-soċjeta' intimata WasteServ Limited sabiex ma jipproċedu b'ebda xogħolijiet fil-fond okkupat mir-rikorrenti sakemm tiġi deċiża l-kawża odjerna, iżda xogħolijiet xorta saru mis-soċjeta intimata WasteServ Limited.

Tirrileva illi, a differenza ta' dak dikjarat mill-Awtorita' tal-Artijiet, is-soċjeta' WasteServ Limited, permezz tar-riposta tagħha, kif ukoll ir-rikors għall-urġenza mhux ikkunsidrat minn dina l-Qorti, kkonfermat illi bi ħsiebha tmexxi bix-xogħolijiet minnufih u trid iżżomm lir-rikorrenti responsabbli għad-danni.

Tqis illi, la darba r-rikorrenti interpona appell minn deċiżjoni amministrattiva tal-Awtorita' tal-Artijiiet, liema deċiżjoni għadha ma ngħatatx b'mod finali, huwa ċar illi l-istess rikorrenti jistgħu isofru dannu rrimedjabbli f'każ illi tali Mandat ta' Inibizzjoni ma jiġix akkolt.

Tqis ukoll illi l-aġir tal-WasteServ Limited illi tinjora għal kollox proċess ġudizzjarju pendenti u tinsisti li tkompli bix-xogħolijiet hija tassew raġuni ta' tħassib għal dina l-Qorti u għar-rispett li għandu jingħata lill-prinċipju tas-Saltna tad-Dritt.

Tikkonkludi illi jeżistu raġunijiet suffiċjenti u *prima facie* sabiex it-talba tar-rikorrenti tintlaqa' b'mod definittiv.

Tirrileva wkoll illi, wara li tlestiet is-seduta, l-Qorti ġiet mgħarrfa illi r-rikorrenti attakkaw verbalment lir-rappreżentant tal-Awtorita' tal-Artijiet, liema azzjoni hija kundannabbli u ser tiġi riflessa fil-kap tal-ispejjeż.

## Deċiżjoni finali

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u s-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fl-4 ta' Novembru 2022 billi:

**Tilqa'** t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif redatt.

**Dwar spejjeż** ir-rikorrenti għandhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tagħhom u tal-Awtorita' tal-Artijiet, filwaqt illi s-soċjeta' intimata WasteServ Limited għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tagħha.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**